# QORTI ĊIVILI
# PRIM AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta**
**Ħamsa u għoxrin (25) ta' Jannar 2022**

**Rikors Numru 228/2021 FDP**

Fl-atti tal-Ittra Uffiċjali Nru 113/2020 fl-ismijiet

**Farsons Beverage Imports Company Limited (C-476)**

**Vs**

**Gilbert Mizzi (ID 134375M) u Unpredictable Events Limited (C-90513)**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 11 ta' Marzu 2021, li permezz tiegħu r-rikorrenti talbu is-segwenti:

> *1. Illi l-esponent Gilbert Mizzi ġie notifikat b'mandat ta' sekwestru eżekuttiv numru 279/21 nhar it-8 ta' Marzu 2021, liema mandat tressaq in segwitu għall-ittra Uffiċjali ai termini tal-Artikolu 166A datata 30 ta' Settembru 2020.*
>
> *2. Illi l-esponenti, oltre l-fatt li huma qatt ma kellhom jew għandhom l-ebda relazzjoni ġuridika mas-soċjeta' attriċi, speċjalment Gilbert Mizzi proprio, jirrilevaw illi in kwantu s-soċjeta' esponenti din qatt ma ġiet notifikata u li ċertament l-indirizz reġistrat tagħha m'huwiex dak indikat fl-istess ittra;*
>
> *3. Illi in kwantu l-esponent Gilbert Mizzi, huwa qatt ma ngħata kopja tal-imsemmija ittra li jirriżulta li ntbagħtet fl-indirizz t'ommu.*

*4. Illi għalhekk l-esponenti qatt ma kienu f'pożizzjoni illi jopponu għat-talba magħmula mingħajr bażi legali fil-konfront tagħhom mis-soċjeta' attriċi peress li fl-ebda mument ma kienet a konjizzjoni tagħhom u għalhekk għandu jirriżulta li hemm difett fin-notifika tal-istess.*

*5. Illi inoltre jirriżulta wkoll illi l-ittra Uffiċjali hija karenti mid-dettalji rikjesti mil-liġi u hija nieqsa mill-formalitajiet rikjesti, fosthom, dikjarazzjoni ċara u dettaljata bir-raġuni li fuqha hija imsejsa t-talba, ir-raġunijiet għaliex it-talba għandha tintlaqa', u dikjarazzjoni tal-fatti b'sostenn tat-talba. Ċertament illi m'hemm l-ebda dikjarazzjoni ċara kif titlob il-liġi.*

*6. Illi m'hemmx dubju illi tali dettalji tħallew neqsin għaliex dawn ma jeżistux u għaliex fil-fatt l-esponenti qatt ma kellhom ftehim mas-soċjeta' attriċi u għalhekk m'hemm l-ebda relazzjoni kontrattwali bejniethom, dan partikolarment fil-konfront ta' Gilbert Mizzi fejn liema fatt jirriżulta anke mill-istatement of account anness mal-ittra Uffiċjali li jindika l-isem tas-soċjeta' esponenti u mhux ta' Gilbert Mizzi proprio.*

*Għaldaqstant, in vista ta' suespost, l-esponenti umilment jitolbu illi din l-Onorabbli Qorti tiddikjara illi ai termini tal-Artikolu 166A(5) tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta, li t-titolu eżekuttiv jiġi rexiss u dikjarat null u bla effett.*

2. Rat illi fit-12 ta' Marzu 2021, il-Qorti ordnat in-notifika u appuntatu għall-ewwel dehra għall-11 ta' Mejju 2021.

3. Rat ir-risposta tas-soċjeta' intimata Farsons Beverage Imports Company Limited ippreżentata fil-5 ta' April 2021, fejn għal dak mitlub mir-rikorrenti ressqu s-segwenti oġġezzjonijiet:

*Illi bħala eċċezzjoni preliminari l-azzjoni sabiex jiġi attakat titolu reż eżekuttiv permezz tal-proċedura speċjali mogħtija mil-Liġi fl-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta taħt l-artikolu 166A(5) setgħet issir biss permezz ta' rikors fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) jew fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) u għalhekk l-azzjoni tar-rikorrenti hi rritwali u mhux skond kif tipprovdi l-liġi u għalhekk għandha tiġi miċħuda bħala irritwali;*

*Illi mingħajr preġudizzju għall-ewwel eċċezzjoni r-rikorrenti huma debituri tas-soċjeta' Farsons Beverage Imports Company Limited C476 wara illi Gilbert Mizzi f'ismu propju kif wkoll għan-nom tas-soċjeta' Unpredictable Events Limited C 90513 kien avviċina lis-soċjeta' kreditriċi sabiex jissuplixxieh bi prodotti ta' xorb għal dan il-festival u s-soċjeta' kreditriċi aċċettat li tissuplixxi lilu personalment kif ukoll lis-soċjeta' Unpredictable Events u fil-fatt huwa xtara prodotti ta' xorb mingħand il-*

*ħanut tas-soċjeta' Farsons Beverage Imports Company Limited u ċioe' minn Farsons Direct sabiex jissuplixxi x-xorb għal festival bl-isem 'Drumfest' li hu kien organizza f'Awwissu 2019 hekk kif jidher ċar fl-Events 'Stock Reconciliation Sheet' li turi l-ammonti u l-prezz tax-xorb li inġabar minn Farsons Direct fuq struzzjonijiet ta' Gilbert Mizzi bħala l-organizzatur ta' Drumfest Festival, liema ammont mniżżel hemm qatt ma' tħallas. (Dok A hawn anness)*

*Illi r-rikorrenti kienu jafu sew b'dan l-ammont dovut u infatti ġew interpellati diversi drabi sabiex iħallsu kemm permezz ta' ittri mill-credit control department tas-soċjeta' kreditriċi u anke permezz ta' Ittra legali u Ittra Uffiċjali li t-tnejn qed jiġu hawn annessi bħala Dok B u Dok C iżda dawn baqgħu inadempjenti;*

*Illi mhux talli r-rikorrenti ma kinux jafu bih dan il-kont pendenti u din l-ittra Uffiċjali ppreżentata ai termini ta' l-Artikolu 166A bin-numru 113/2020, talli Gilbert Mizzi ġie nnotifikat hu stess personalment b'din l-ittra nhar it-tnax (12) ta' Ottubru 2020, tant hu hekk illi l-pustier niżżel in-numru tal-karta ta' l-identita' tiegħu.*

*Illi allura Gilbert Mizzi kemm personalment u kif wkoll bħala, 'sole shareholder' direttur tas-soċjeta' Unpredictable Events Limited kellu ampjament żmien jopponi għal din l-ittra Uffiċjali iżda minkejja li kien ġie notifikat skond il-liġi, it-30 ġurnata għaddew inutilment, u allura t-titolu tas-soċjeta' kreditriċi ġie reż eżekuttiv u rreaġixxa biss meta rċieva l-Mandat ta' Sekwestru Eżekuttiv.*

*Illi l-Ittra Uffiċjali odjerna bin-numru 113/2020 ppreżentata ai termini ta' l-artikolu 166A ġiet notifikata fl-indirizz 33, Mardom, Triq il-Karmnu ġewwa l-Fgura li kif jidher ċar mid-dok D hawn anness hu l-indirizz Uffiċjali tas-soċjeta' Unpredictable Events Limited u għalhekk hi gidba meta wieħed jiddikjara fir-rikors tiegħu u nikkwota "li l-indirizz reġistrat m'huwiex dak indikat fl-istess ittra" jew li hu l-indirizz ta' omm Gilbert Mizzi biss.*

*Illi għalhekk l-ittra Uffiċjali ġiet mibgħuta fil-post fejn suppost, u ċioe' fl-indirizz Uffiċjali tas-soċjeta' u għalhekk ma jirriżulta ebda difett fin-notifika.*

*Illi minn naħa tar-rikorrenti, l-ittra Uffiċjali ssodisfat d-dettajli tal-forma rikjesti mill-liġi u dan għax kien spjegat ċar li l-ammont hu dovut minn Unpredictable Events Limited flimkien ma' Gilbert Mizzi għal xiri ta' xorb minn Farsons Direct il-ħanut tas-soċjeta' kreditriċi permezz ta' "Invoice" waħda bin-numru 793525 li hi mniżżla fl-istatement of account ippreżentat ma' l-ittra Uffiċjali bħala Dok UNI u li ssejjaħ lil Gilbert Mizzi u Unpredictable Events Limited u liema statement ġiet maħlufa bħala dovut fuq din l-istess ittra mill-credit control officer Ryan Debattista.*

*Illi minn naħa tar-rikorrenti dan hu eżerċizzju intiż sempliċiment biex wieħed itawwal iż-żmien minflok iħallas l-ammont li ġia ilu dovut lis-soċjeta' kreditriċi mis-sena 2019 u s-soċjeta' kreditriċi m'għandiex tbati ulterjorment għall-aġir traskurat taż-żewġ rikorrenti.*

*Illi għalhekk u in vista tas-suespost it-titolu eżekuttiv favur is-soċjeta' Farsons Beverage Imports Company Limited għandu jiġi konfermat bl-ispejjeż ta' din il-proċedura kontra r-rikorrenti Unpredictable Events Limited u Gilbert Mizzi.*

4. Rat illi fil-11 ta' Mejju 2021 il-kawża ġiet differita għat-28 ta' Settembru 2021 għall-provi kollha.

5. Rat illi fit-28 ta' Settembru 2021, ir-rikorrent ma ressaq ebda provi, w il-Qorti ħalliet il-kawża għall-provi kollha għall-11 ta' Jannar 2022.

6. Semgħet ix-xhieda, in eżami u kontro eżami, ta' Gilbert Mizzi, mogħtija fil-11 ta' Jannar 2022.

7. Semgħet ix-xhieda, in eżami u kontro eżami, ta' Frederick Cauchi, rappreżentant tas-soċjeta' intimata, mogħtija fil-11 ta' Jannar 2022.

8. Semgħet it-trattazzjoni ta' l-abbli difensuri tal-partijiet, mogħtija fil-11 ta' Jannar 2022, wara liema trattazzjoni il-kawża ġiet differita għas-sentenza għal-lum.

**Ikkunsidrat**

9. Jirriżulta illi, permezz ta' Ittra Uffiċjali 113/2020 intavolata minn Farsons Beverage Imports Company Limited kontra Gilbert Mizzi, f'ismu personalment kif ukoll għan-nom tas-socjeta Unpredictable Events Limtied, fit-30 ta' Settembru 2020, ġie interpellat sabiex iħallas is-somma ta' sittax-il elf, disgħa mija u disgħa u erbgħin Euro u tnejn u tmenin ċenteżmu (€16,949.82), rappreżentanti prodott mixtrija u kkonsenjati lilhom, liema prezz qatt ma tħallas.

10. Rat illi l-imssemmija Ittra Uffiċjali ġiet notifikata lil Gilbert Mizzi personalment fis-7 ta' Ottubru 2020, fl-indirizz 33, Mardom, Triq il-Karmnu, Fgura.

11. Jirriżulta illi, permezz tal-proċeduri odjerni, ir-rikorrent odjern Gilbert Mizzi f'ismu, kif ukoll is-soċjeta' Unpredictable Events Limited, għarrfu illi huma rċevew il-Mandat ta' Sekwestru Eżekuttiv fit-8 ta' Marzu 2021, li wassluhom sabiex jippreżentaw il-proċeduri odjerni tlett ijiem wara, u qed jitolbu illi l-Ittra Uffiċjali datata 30 ta' Settembru 2020 tiġi dikjarata nulla għar-raġunijiet segwenti:

    a. L-Ittra Uffiċjali ma ġietx notifikata fl-indirizz Uffiċjali tas-soċjeta' Unpredicatble Events Limited;
    b. L-Ittra Uffiċjali ġiet notifikata fl-indirizz ta' omm Gilbert Mizzi u ma ngħatax kopja tal-Ittra.

c. Illi qatt ma kellhom relazzjoni ġuridika mas-soċjeta' Farsons Beverage Imports Company Limited.
d. Illi l-Ittra Uffiċjali hija karenti mid-dettalji rikjesti fil-Liġi peress illi ma hemmx dikjarazzjoni ċara u dettaljata dwar dak mitlub.

12. Jirriżulta, mill-banda l-oħra, illi s-soċjeta' intimata Farsons Beverage Imports Company Limited qiegħda tikkontesta tali talbiet u insistiet li r-rikorrent personalment kien ordna x-xorb għal festival ili huwa kien organizza bl-isem ta' 'Drumfest Festival' illi inżamm f'Awissu 2019, u ġie notifikat skond il-Liġi iżda naqas milli jirrispondi.

13. Jirriżulta, mix-xhieda mogħtija ta' Gilbert Mizzi, illi huwa jikkontendi li, għalkemm kien hu, permezz tal-kumpannija tiegħu, illi organizza l-attivita bl-isem ta' Drumfest Festival illi sar ġewwa Ta' Qali f'Awissu 2019, kienet soċjeta' oħra illi kellha tieħu ħsieb l-aspett tax-xorb, ossija Ovations Limited.

14. Jirriżulta illi, dwar l-Ittra Uffiċjali, Gilbert Mizzi jikkontendi illi huwa ma kienx Malta meta waslet l-Ittra Uffiċjali u qatt ma raha peress illi dina intbagħtet fl-indirizz ta' fejn tirrisjedu ommu, għalkemm ikkonferma illi huwa jirrisjedi fid-dar ta' ommu.

15. Gilbert Mizzi jikkontendi wkoll illi l-indirizz tas-soċjeta' tiegħu kienet ġewwa Triq il-Lanzon, Marsascala.

**Ikkunsidrat**

16. Jirriżulta, mid-dokumentazzjoni prodotta mis-soċjeta' intimata fir-risposta tagħha, illi l-indirizz tas-soċjeta' Unpredictable Events Limited kif reġistrat mal-Malta Business Registry kien attwalment 33, Mardom, Triq il-Karmnu, Fgura, u għalhekk bħala Mizzi ma huwiex korrett meta jikkontendi illi l-indirizz fejn saret in-notifika kien wieħed żbaljat.

17. Jirriżulta wkoll illi r-rikorrent Gilbert Mizzi, personalment, ġie wkoll notifikat fl-indirizz 33, Mardom, Triq il-Karmnu, Fgura, u għalkemm jikkontendi illi huwa ma rċevihiex, ikkonferma illi dana huwa l-indirizz fejn huwa jirrisjedi, stante illi hija l-indirizz tad-dar ta' ommu li magħha huwa jgħix, u jirriżulta illi l-ittra ingħaddiet lil Mario Mizzi, (ID 23353M).

18. Jirriżulta, finalment, illi r-rikorrent jikkontendi illi huwa kien imsiefer barra minn Malta u għalhekk ma setgħax irċeviha – madanakollu, ma ressaq ebda tip ta' prova dokumentarja biex juri illi attwalment kien imsiefer, għalkemm jikkontendi li kien imsiefer fuq dgħajsa għal żmien twil.

19. Għalhekk, fejn jirrigwarda l-oġġezzjonijiet imqajjma mir-rikorrent għal dak illi jirrigwarda notifika, jirriżulta illi dawna huma lkoll bla bażi, stante illi r-rikorrent kien ġie debitament notifikat skond il-Liġi.

**Ikkunsidrat**

20. Jirriżulta illi oġġezzjoni oħra imqajjma mir-rikorrent hija illi l-Ittra Uffiċjali hija karenti mid-dettalji rikjesti mill-Liġi peress illi ma hemmx dikjarazzjoni ċara u dettaljata bir-raġunijiet għaliex għandha tintlaqa' t-talba u dikjarazzjoni tal-fatti in sostenn ta' dak mitlub.

21. Jirriżulta, illi fl-Ittra Uffiċjali, inkiteb is-segwenti:

    *Bil-presentati ittra Uffiċjali, is-soċjeta' Farsons Beverage Imports Company Limited (C476) ta' The Brewery, Mdina Road, Zone 2, Central Business District, Birkikara, tinterpellakom sabiex immedjatament tħallsu s-somma ta' sittax-il elf, disgħa mija u disgħa u erbgħin Euro u tnejn u tmenin ċenteżmu (€16,949.82), rappreżentanti prezz ta' prodotti mixtrija u kkonsejnati lilek li l-prezz tagħhom qatt ma tħallas.*

    *Id-debitu huwa ċert, likwidu u dovut skond l-anness statement of account, immarkat UN1.*

22. Jirriżulta illi anness ta' tali Ittra Uffiċjali kien hemm 'Events Stock Reconciliation Sheet' datat 13 ta' Ġunju 2019, fejn indika bħala klijent 'Drumfest', u hemm numri tat-telefon ta' Gilbert Mizzi kif ukoll persuna oħra indikat bħala Daniel.

23. Jirriżulta illi f'tali dokument, hemm indikat lista dettaljata tax-xorb kollu illi ġie mgħoddi kif ukoll dak illi ġie sussegwentement ritornat kif ukoll il-merkanzija illi attwalment ġiet ikkunsmata w il-bilanż dovut, ossija is-somma ta' sittax-il elf, disgħa mija u disgħa u erbgħin euro u tnejn u tmenin ċenteżmu (€16,949.82).

24. Il-Qorti hawnhekk tagħmel referenza għal dak ikkonstatat mill-Qrati nostrani, u tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Noel Sultana vs Andrew Mercieca**, deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Inferjuri fil-15 ta' Frar 2010, fejn ġie osservat is-segwenti:

    > *"permezz tal-proċedura kontemplata fl-Artikolu 166A tal-Kap.12 il-leġislatur kellu l-ħsieb li jnaqqas l-ammont ta' kawżi li jsiru billi introduċa din il-proċedura speċjali. Bl-Att VII tal-2007 żied għas-somma ta' €23,293.73 l-ammont li għalih tista' tintuża din il-proċedura.*
    >
    > *Il-qorti hi tal-fehma li l-ittra Uffiċjali hi xotta ħafna u ma jistax jingħad li fiha "dikjarazzjoni tal-fatt b'sostenn tat-talba". Il-kliem "għal xogħol u parts" m'humiex biżżejjed sabiex jissodisfa l-ħtieġa li l-ittra Uffiċjali jkun fiha "dikjarazzjoni tal-fatti".*
    >
    > *Wieħed għandu jiftakar li fejn qabel persuna kellha tagħmel kawża għaliex ma jkollhiex titolu eżekuttiv, wara l-introduzzjoni tal-Artikolu 166A kreditur jista' jottjeni titolu eżekuttiv b'sempliċi ittra Uffiċjali.*
    >
    > *Hu minnu li d-debitur għandu l-opportunità kollha li f'każ ta' dubju jippreżenta nota fit-terminu ta' 30 ġurnata min-notifika u jopponi t-talba*

*u b'hekk iġiegħel lill-kreditur jkun kostrett jagħmel kawża, madanakollu l-ħtieġa li l-ittra Uffiċjali jkollha "dikjarazzjoni tal-fatti b'sostenn tat-talba". Mandanakollu dan ir-rekwiżit hu ad validitatem u s-sanzjoni hi n-nullità tal-ittra Uffiċjali għal finijiet tal-Artikolu 166A.*

*Il-kreditur għandu l-obbligu li fl-ittra Uffiċjali jagħti biżżejjed tagħrif sabiex id-debitur ikun jaf dwar xiex jittratta d-dejn u fl-istess ħin ipoġġih f'posizzjoni li jista' jiddeċiedi jekk għandux jammetti t-talba jew jopponiha f'parti minnha biss.*

*Bla dubju f'dan il-każ Sultana kellu jsemmi fl-ittra Uffiċjali n-natura tax-xogħol li qiegħed jintalab il-ħlas tiegħu, il-vettura li fuqha sar ix-xogħol, meta sar ix-xogħol, u spiega tal-ammont li qiegħed jitlob fis-sens li jagħti tagħrif dwar spejjeż ta' parts u x-xogħol li sar u li tiegħu qiegħed jippretendi l-ħlas. Informazzjoni li suppost kienet tirriżulta wkoll mill-kont li normalment joħroġ il-kreditur, u li f'dan il-każ ma ġietx annessa kopja tiegħu mal-ittra Uffiċjali. Tagħrif li m'hemm l-ebda aċċenn għalih fl-ittra Uffiċjali in kwistjoni. Setgħa kien hemm fatti oħra rilevanti, eżempju li d-debitur jiffirma l-kont. Ovvjament dawn ikunu jvarjaw minn każ għall-ieħor. Fiċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ l-ilment ta' Mercieca hu ġustifikat."*

25. Fil-każ odjern, għalkemm il-kontenut tal-Ittra Uffiċjali per se hija ċertament waħda 'xotta' u mingħajr xi dikjarazzjoni dettaljata tal-fatti, jirriżulta li flimkien mal-Ittra Uffiċjali kien hemm allegat l-'Events Stock Reconciliation Sheet' li kien juri biċ-ċar u fid-dettall għalxiex kienet qed titlob ħlas is-soċjeta' intimata, liema dokument ir-rikorrent, fix-xhieda tiegħu stess, ikkonferma illi huwa kien ġia ngħata waqt laqgħa illi huwa kellu ma' rappreżentanti tas-soċjeta' intimata wara li ġiet organizzata l-attivita', u li għalhekk kien ġia a korrent tagħha.

26. Jirriżulta, għalhekk, illi għalkemm huwa minnu illi l-ittra, per se, tidher sajma minn dettalji dwar dak illi huwa mitlub, il-fatt illi flimkien mal-Ittra Uffiċjali kien hemm anness dokument li juri f'aktar dettal dak illi qiegħed jintlaqa', għandu jitqies bħala informazzjoni suffiċjenti għad-debitur, fil-kazż odjern ir-rikorrent, biex ikun f'posizzjoni illi jiddefendi ruħu, li kienet l-intenzjoni tal-leġislatur meta pprovda illi fl-Ittra Uffiċjali "*għandu jiġi dikjarat b'mod ċar, taħt piena ta' nullità, ir-raġuni li fuqha tkun imsejsa t-talba, ir-raġunijiet għaliex it-talba għandha tintlaqa', u dikjarazzjoni tal-fatti b'sostenn tat-talba*"

27. Għalhekk, l-oġġezzjoni imqajjma mir-rikorrent dwar il-validita' tal-Ittra Uffiċjali ma hijex waħda misħoqqa.

## Ikkunsidrat

28. Is-soċjeta' intimata, fir-risposta tagħha, qajjmet bħala eċċezzjoni preliminari, d-difiża illi dina l-Qorti ma hijiex kompetenti peress illi l-azzjoni odjerna kellha tiġi ppreżentata quddiem l-Qorti tal-Maġistrati, skond l-Artikolu 166 (5) tal-Kap 12.

29. Illi l-Qorti tifhem illi s-soċjeta' intimata qiegħda taqra verbatim dak illi huwa miktub fil-leġislazzjoni fuq imsemmija, liema leġislazzjoni kienet redatta meta oriġinalment l-Ittri Uffiċjali kellhom valur massimu ta' €15,000, li għalhekk kienu ta' kompetenza esklussiva tal-Qorti tal-Maġistrati, liema leġislazzjoni iżda qatt ma ġie emendat sabiex jipprovdi għall-kompetenzi differenti meta l-leġislatur għażel illi jgħolli l-valur tal-Ittri Uffiċjali 166A mis-somma ta' Lm5,000 għall-ammont ta' Lm10,000 permezz ta' Att VII tal-2007.

30. Il-Qorti, madanakollu, tosserva illi kienet s-soċjeta' intimata STESS illi ppreżentat l-atti quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, peress illi huwa ovvju u ċar illi kwalasiasi pretenzjoni li teċċedi l-valur ta' €15,000 għandu kompetenza esklussiva f'idejn il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili.

31. Għalhekk, la darba l-ordni inħarġet mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, ċertament ma tista' tkun qatt il-Qorti tal-Maġistrati illi tirrevoka tali ordni! Għalhekk, eċċezzjonijiet ta' dina n-natura għandhom jiġu evitati.

**Konklużjoni**

**Il-Qorti,**

Wara illi rat l-atti kollha proċesswali;

Wara illi semgħet ix-xhieda u semgħet it-trattazzjoni ta' l-abbli difensuri tal-partjiet;

Tgħaddi biex taqta' u tiddeċiedi l-vertenza odjerna billi:

Tiċħad l-eċċezzjoni preliminari tas-soċjeta' intimata filwaqt illi:

Tilqa' l-eċċezzjonijiet fil-meritu tas-soċjeta' intimata, u għalhekk:

Tiċħad it-talba tar-rikorrenti kif dedotti.

**Kull parti għandha tbagħti l-ispejjeż tagħha.**

**Francesco Depasquale** LL.D. LL.M. (IMLI)
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**